*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,484, 18 ta' April, 1978*

*Taqsima C*

# Nru. 67

18. 4. 78

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament f'isem l-Onorevoli Joseph Abela, M.P., Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-17 ta' April, 1978.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs on behalf of the Honourable Joseph Abela, M.P., Minister of Finance, Customs and People's Financial Investments and read the First time at the Sitting of the 17th April, 1978.

**AN ACT to amend the Immovable Property (Acquisition by non Residents) Act, 1974.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok il-paragrafu (b) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' individwu li ma jkunx residenti ta' Malta, il-proprjetà immobbli tkun bini li l-valur tiegħu ma jkunx inqas minn sitt elef lira (jew dik is-somma l-oħra li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta) u li jkun maħsub li jintuża mill-persuna mhux residenti bħala residenza għaliha nnifisha u għall-familja tagħha u dik il-persuna mhux residenti ma tkunx proprjetarja u ma jkollha f'idejha taħt ebda titolu jkun liema jkun xi proprjetà immobbli oħra f'Malta.".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li l-akkwist ta' djar li jkunu jiswew inqas minn sitt elef lira jkun jista jsir biss minn residenti ta' Malta.

# A BILL

## entitled

*AN ACT to amend the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) (Amendment) Act, 1978 and shall be read and construed as one with the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** For paragraph (b) of the proviso to subsection (1) of section 5 of the principal Act there shall be substituted the following: Amendment of section 5 of the principal Act.

"(b) in the case of an individual who is not a resident of Malta, the immovable property is a building the value of which is not less than six thousand pounds (or such other sum as the Minister may from time to time by order in the Gazette establish) and which is intended to be used by the non-resident person as a residence for himself and his family and such non-resident person does not own or hold under any title whatsoever any other immovable property in Malta.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to restrict the acquisition of houses worth less than six thousand pounds to residents of Malta.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*